Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 36**
**It-Tlieta 22 ta'Frar 2022**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida,fil-6:15 pm.wara li ntemmet laqgħa mal-President tal-Kunsill Reġjonali Lvant, is-Sur Anthony Chircop.

PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai : Sindku
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier
Emanuel Brincat : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maurice Agius : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

**36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;**

36.1.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsilliera is-Sinjuri Maurice Agius u Charles Selvaggi li talbu li jkunu skużati.

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

36..2.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li l-Minuti se jkunu preżentati f'seduta li jmiss minħabba li Segretarju Eżekuttiv kien involut f'bosta impenji li ma' kienx possibbli li dawn ikunu lesti fil-ħin.
Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament.

**36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

36.3.01 B'referenza għal minuti 34.5.04, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li waslet komunikazzjoni mill- Public Contracts Review Board li l-Ġimgħa 11 ta' Frar 2022 ġiet preżentata ittra ta' oġġezzjoni għad-deċiżjoni dwar " KLMsd/TDR/01/2021 - Tender for the Collection of Residential Bulky Refuse and Fly Tipping From Msida and Part of Swatar, in an Environmentally Friendly Manner'.Għalhekk fiċ-ċirkostanzi prevalenti, il-proċess tal-Offerta għandu jiġi sospiż kompletament. Fl- istess ħin il-kunsill kien mitlub jissottometti sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal- 21 ta'Frar 2022, jimla dokument provdut bl-informazzjoni rilevanti u ffirmat flimkien mal-fajls ta' l-offerti kollha u ittra ta' tweġiba bir-raġunijiet li waslu għal għażla tal-bord.

36.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa ma'rappreżentat għal- Beyond Light ( Visual Non-Visual Network) li hija organizzazzjoni mingħajr skop ta 'qligħ magħmula minn grupp ta' diversi NGOs li kollha għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni u referenzi dwar l-għajxien b'indeboliment tal-vista. Għalhekk jaħdmu biex jiġu promossi l-ħtiġijiet, l-interessi u l-aspirazzjonijiet tal-persuni neqsin mid-dawl bħala netwerk wieħed u b'objettiv li jgħinu lill-dawn il-persuni jsiru indipendenti billi jiksbu ħiliet ġodda u jiksbu awto dipendenza biex ilaħħqu mal-integrazzjoni fis-soċjetà. Għal laqgħa kien hemm ukoll preżenti is-Sur Maurice Agius u Segretarju Eżekuttiv fejn ġew diskussa modi kif il-kunsill jista' jassisti kull persuna fi ħdan il-komunità lokali li tkun fil-bżonn tersaq lejn u tibbenifika minn dan in-network u fl-istess ħin jippromwovi t-talent li jiżviluppaw dawn il-persuni.

36.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara l-komunikazzjoni li saret mid-dipartiment f' Diċembru 2021, issa se tiġi implimentata s-sistema mandatorja ta' permessi li jsiru mill-Kunsill Lokali. Fis-16 ta' Frar 2022 saret l-ewwel sessjoni ta' taħriġ dwar l-użu tas-sistema ta' permessi online inkluż l-użu ta' ApcoPay għall-iskrivani li joħorġu permessi.

Bejn is-16 u il-31 ta' Marzu se jkun hemm il-fażi ta' ttestjar u fl-1 ta'April jibda l'użu tas-sistema (Live). Kien hemm bżonn ukoll isiru arranġamenti mal- bank (BOV) għal kont permezz ta' APCO (€35) u dikjarazzjoni ta' konformita' biex din il-kumpanija tkun tista' tamministra tranżazzjonijiet bil-kard online li jista' jkun hemm. Għal dan kien hemm bżonn li ssir il-ftehim tal-ipproċessar li ġie ffirmat. Dan jinkludi €15 kull xahar f'rata annwali għal aċċess tas-sistema ta' l-ipproċessar u 0.45% għas-servizzi ta' l-proċessar li jiġu ċċarġjati fuq it-tranżazzjonijiet totali li jkunu awtorizzata jew ta'xiri.

36.3.04 B'referenza għal minuti 34.5.08, Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar l-andament tal-proġett b'tema 'Europe of Diversity: Integration and Socialization of Migrants' li huwa ffinanzjat minn fondi tal-UE taħt il-programm (CREV).Dan il-programm huwa ġestit mill-Muniċipalità ta' Knezha fil-Bulgarija fejn il-Kunsill Lokali L-Imsida ppparteċipa u organizza l-avveniment internazzjonali li għalih attendew delegati minn 16-il pajjiż/muniċipalità oħra tal-UE li huma Is-Slovakkja, l-Ungerija, il-Latvja, l-Italja, ir-Rumanija, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Estonja, il-Polonja, il-Ġermanja, il-Portugall, Ċipru, Franza & l-Iżvezja.

36.3.05 B'referenza għal-minuti 26.5.01 dwar SPI/SCI/3/2021 l-iskema ta' fondi fuq Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 ,fejn il-kunsill kien applika għal 85% minn €21,299, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai fakkret lill kunsilliera preżenti li kienu ġew approvati €5000 biss mill-ammont mitlub għalhekk kien beda ix-xogħol fuq fażi mill-proġett biex ssir verżjoni elettronika tal-pubblikazzjoni Għal-Għonq it-Triq li issa huwa lest.

36.3.06 B'referenza għal-minuti 34.3.05 dwar PA/00886/20 fejn qed ssir xogħol ta' żvilupp go Triq l-Irmiġġ u Triq tal-Għeriebel , Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret laqgħa mal-iżviluppatur flimkien mal-perit tal-kunsill, Is-Sur Emanuel Brincat u Segretarju Eżekuttiv fejn ġie diskuss l-Ispazju pubbliku , is-sub station tal-enemalta u biex ikun konfermat li l-iżviluppatur se jagħmel u jiffinanzja ix-xogħol kollu li hemm bżonn ssir fuq id-disinn li se jipproponi il-Kunsill.

36.3.07 B'referenza għal-minuti 35.2.02 dwar PA/03607/21 biex flok il- ġibjun eżistenti go Triq il -Wied tal-Imsida ssir kostruzzjoni ta' grawnd tal-futbol inklużi faċilitajiet sottostanti u żona ta' parkeġġ is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li fil-mument jidher li din ġiet sospiża fuq talba tal-perit tal-proġett.

**36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

36.4.01 B'referenza għal-minuti 34.5.10, Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar parti tat-triq li qed tiġi okkupata minn skip għal iskart u van użat għal rimi ta'materjal goff ieħor mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali. Hawn staqsa x'jista' ssir dwar l- infurzar għax ma' jistax ikun li din il-persuna ma' jkellmu ħadd u jibqa' għaddej jagħmel li jrid għax l-kunsilli lokali qed jispiċċaw bla saħħa ta'xejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa'nota u wieġeb li saru bosta rapporti kif turi il-korrespondenza. Hawn spjega kif ġa tkellem dwar il-van ma' uffiċjali tal-LESA għax anke kien hemm min llmenta li dan qed jostakola l-aċċess għal garaxx tal-faċċata. Iżda l-uffiċjali ma'jistgħu jagħmlu xejn sakemm il-liċenzja tiegħu mhux skaduta u għandu kunsens mis-sidien għax mhux qed jirrapportaw jew huwa sid ta'dawk il-garaxxijiet fl-ispazju indikat. Hawn għarraf lill kunsilliera preżenti li se jipprova jikkomunika b'mod dirett mas-sid tal-attività kummerċjali biex jagħmel aktar pressjoni.

36.4.02 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar Triq Achille Ferris u staqsiet jekk kienx hemm żviluppi b'referenza għal minuti 34.4.16 dwar meta se jibda ix-xogħol fi-triq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma' kienx hemm żviluppi ġodda.

36.4.03 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar persuna li ħadet ċitazzjoni go Triq Achille Ferris u l-iilment tiegħu fejn staqsiet x'għandu jagħmel.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li liġi tippermetti lill kullħadd id-dritt tal-appell jew li tikkontesta c-citazzjoni quddiem tribunal jekk ma'taqbilx.

**36.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

36.5.01 B'referenza għal minuti 34.4.10, is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda xi proposti mill- kuntrattur preżenti tal-knis wara li saret konsultazzjoni biex tiżdied il-frekwenza tat-tindif go numru ta' toroq msemmija f'lista li għalihom hemm il-ħtieġa li jitnaddfu aktar spiss mal-iskeda preżenti. Jekk il-kunsill jaqbel mal-lista jew għandhom proposti oħra,tintalab stima formali għall-imsemmi tindif miżjud tat-toroq.

Is-Sur Emanuel Brincat wieġeb li għalkemm jaqbel li hemm numru ta'toroq li jeħtiegu li tiżdied il frekwenza ta'tindif fihom il-kuntrattur irrid l-ewwel irid jirsisti biex jżomm mal-iskeda preżenti għax b'żewġt kenniesa ma'jistax jiżgura li it-toroq issiru fil-ġurnata tagħhom u kif suppost.
Il-kunsilliera preżenti fetħu diskussjoni dwar il-frekwenza tal-knis fit-toroq, numru ta' kenniesa u punti msemmija fil-laqgħa li saret fil-31 ta'Jannar dwar x'hemm bżonn jinbidel. Wara li ittieħdet kunsiderazzjoni ta' kemm fadal biex jiskadi l-kuntratt preżenti ttieħdet d-deċiżjoni unanima li jibqa' kollox kif inhu bħalissa sakemm jkun approvat id-draft li se jintuża biex toħroġ sejħa ġdida.

36.5.02 B'referenza għal minuti 34.3.04 dwar sejħa għall-applikazzjonijiet - Skema ta' Ekoloġizzazzjoni Urbana tal-Kunsill Lokali 2022, is-Sindku tkellmet fid-dettal dwar l-għan tal-iskema li huwa li tiffinanzja proġetti ambjentali li jinkoraġġixxu l-ekoloġizzazzjoni u t-titjib tas-servizzi tal-ekosistema f'żoni urbani u per urbani permezz tal-implimentazzjoni ta' infrastruttura ekoloġika u blu u/jew sistemi ta' drenaġġ sostenibbli u/jew proġetti ta' tisbiħ. Il-proġetti jistgħu jiġu ppreżentati għal għotja ta' 85% taħt tliet kategoriji
Kategorija A: sa massimu ta' Euro 300,000 (Infrastruttura Ekoloġika Maġġuri)
Kategorija B: sa massimu ta' Euro 60,000 (Proġetti fuq skala medja)
Kategorija Ċ: sa massimu ta' Euro 12,000 (Proġetti żgħar ta' tisbiħ.

Hawn fakkret li l-applikazzjonijiet kompluti b'dokumenti ta' sostenn għandhom jiġu sottomessi sat-Tnejn, it-28 ta' Frar, 2022, 12:00.
Il-Maniġer Ambjentali għall-Kunsill tar-Reġjun tal-Lvant bagħtet komunikazzjoni sabiex toffri l-għajnuna dwar xi ideat li l-kunsill jixtieq iressaq u fl-istess ħin tipproponi xi suġġerimenti għal iżjed proġetti jew sabiex tgħin fil-mili tal-applikazzjoni. Fl- istess ħin il-kunsill ġabar stima għal tlett ideat li jistgħu jigu kunsidrati. Dawn kienu żewġt proposti A u B għal tisbiħ go' roundabout tac- Ċirku tal-Imsida li jammontaw għal €24,650 u € 3,410 rispettivament inkluż il-VAT. Hawn spjegat li intalbet l-stima l-oħra kienet għal pjazza Victor Denaro € 1,840 iżda tinsab infurmata wkoll li jista' jkun din tkun effettwata mix-xogħol li qed ssir fl-iskola primarja.

Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar il-proposta A li hija maħsuba biex ssir ċertu xogħol ta'tisbiħ fir-roundabout.
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li għalkemm il proposta hija valida għal l-skop tal-iskema, il-kunsill jrid jikkunsidra li l-ammont tal-istima għal €24,650 mhux se jkun kopert bil-valur kuntratt preżenti u jeċċedi sew dak li huwa permess mir-regolament. Għalhekk dan jitlob li ssir tender apposta li mhux possibbli ssir fi ftit ġranet li fadal.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament l-stima B għal €3,410 inkluż il-VAT.

36.5.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li wara l-aħbar ta' telfa traġika ta' membru mill- Komunità Nepaliża f'Malta il-Kunsill tefa post fuq il-paġna FB tiegħu biex jesprimi s-simpatija u jappoġġja sforzi biex jinġabru fondi sabiex jirritornaw u jagħmlulu funeral xieraq. Kif mħabbar se ssir wkoll attività sportiva (one day football tournament) għal ġbir ta'fondi nhar il-Ħadd 27 ta' Frar mill-Imsida St Joseph Football Club ġewwa Kulleġġ San Gorg Preca Education Hub bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Imsida. Din tikkonsisti f'għajnuna loġistika tul l-attività li tinkludi mobile toilets u self ta'bins għal-iskart .Għalhekk qed titlob lill kunsill biex jirratifika u japprova din l-għajnuna għal għan nobbli.

Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar kif waqt il-konferenza 'Europe of Diversity: Integration and Socialization of Migrants' id-delegati ġew infurmati b'dan l-aċċident u ġiet osservata minuta ta' silenzju b'turija ta'rispett għal vittma. Għalhekk qed jipproponi li din is-seduta tiġi sospiża biex il-kunsill jagħmel l-istess u Sindku Margaret Baldacchino Cefai sekondat il-proposta.
Minuta ta'Silenzju.
Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament l-għajnuna loġistika proposta għal din l-attività.

36.5.04 Is-Sindku Margaret tkellmet dwar laqgħa li kellha ma rappreżentant tal-Optimist Club (Malta) dwar possibilità li ssir MOU biex tkun ffurmata sħubija għall-iskop biex ikun offrut bla' ħlas, appoġġ edukattiv u akkademiku wara l-iskola lit-tfal. Dan għandu jikkonsisti prinċipalment f'assistenza biex jitlestew il-kompitu "xogħol tad-dar" u anċillari sakemm il-Kunsill Lokali Msida jippermetti lil Optimist Club (Malta) jopera fil-bini amministrattiv u juża xi utilitajiet nhar ta 'Tnejn u l-Ħamis minn dak iż-żmien u kundizzjonijiet li jkun miftiehem bejn il-Partijiet.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw li ssir l-MOU.

36.5.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill kunsilliera preżenti li saret talba għal ħsara ta' €485 li saret f'inċident li seħħ fil-25 ta' Jannar 2022 minħabba l-istat ta'bankina u Triq Achille Ferris. Skond il-pretendent il-kawża tal-accident huma ħofor li maż-żmien qed isir aktar fondi li waslu biex saret ħsara fir-rota ta 'quddiem u ta' wara min-naħa tas-sewwieq li saħansitra għamlet ħsara lis-sospensjoni ta 'quddiem u ta' wara.

Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem dwar din it-talba fejn spjega li filwaqt li fit-triq il-kunsill jagħmel bosta xogħol ta'patching, l-stat ta'triq jibqa' li din għanda bżonn ta'rikostruzzjoni. Minkejja dan u xorta ma'jistax jeskludi id-dubju dwar il-ħsara msemmija għax qed jissemma li dan huwa it-tieni darba li seħħ go l-Istess triq li fil-fatt kull jum jgħaddu mijiet karozzi minn hemm. Barra dan għadu mhux konvint li jista' jkun hemm din it-tip ta'ħsara jekk tkun qed ssuq bil-veloċità permessa f'dawn it-tip ta'toroq. Għalhekk qed jagħti parir li din it-talba għanda tmur għal konsultazzjoni legali.

36.5.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar il-ħaddiema assenjati mal-kunsill fejn jidher ċar li hemm numru ta'limitazzjonijiet fil-kapaċitajiet tagħhom u hemm bżonn ta'superviżjoni aħjar fuq dak ix-xogħol li qed jintalbu jagħmlu. Hawn spjegat li fil-mument is-Segretarju Eżekuttiv qed jispiċċa jinqala biex kull darba jmur fuq il-post biex jispjega jew jiċċekkja ix-xogħol li jkun qed ssir. Għalhekk qed tinħass il-ħtieġa li l-kunsill jibda jikkunsidra biex ikollu persuna mpjegata miegħu li tkun kapaċi tagħmel dawn ix-xogħolijiet u fl-istess hin tkun responsabbli minn dawn il-ħaddiema.

Is-Sur Alfred Farrugia qal li jaqbel ma'din il-proposta filwaqt li Sur Emanuel Brincat staqsa jekk il-kunsill jistax jimpjega persuna għal dan l-iskop.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li skond artiklu 53.(1) (a) , il-Kunsill Lokali jekk hemm il-ħtieġa jista' jaħtar impjegati oħra għall-qadi effiċjenti tal-funzjonijiet tal-kunsill sakemm dan ikun l-ewwel approvat mid-Dipartiment. Fil-fatt qed ikun hemm bosta korrespondenza min kunsilli oħra li qed jagħmlu sejħa simili.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament .

36.5.07 Is-Sur Emanuel Brincat tkellem dwar korrespondenza li waslet fejn qed ssir talba minn sid ta'basement garage go Triq Guze Ellul Mercer , fejn spjega li qed jkun hemm problema tal-ilma li qed jaqbeż minn go triq minħabba karozzi li qed jipparkjaw minkejja li hemm il-marki li ma'jistgħux. Għalhekk qed jitlob li ssir gandott bl-isprall biex l-ilma tax-xita jaqa fih u jibqa' sejjer l-isfel mal-qalba tat-triq.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li din it-triq u dan il-bini ilhom bosta snin hemm u ma nbidel xejn fl-infrastruttura filwaqt li din il-problema qatt ma' ssemmiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa fejn se jmur l-ilma li jkun fil gandott.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u ġie deċiż li ssir konsulta mal-perit.

36.5.08 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar l-attivitajiet li marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira li ilhom sospiżi għal dawn l-aħħar sentejn minħabba il-pandemija u talab lill kunsilliera biex jikkunsidraw u japprovaw programm li jinkludi wirja ta'vari fil-bini amministrattiv tal-kunsill fil-ġimgħa mqaddsa, il-mixgħela go Misraħ San Guzepp f'Ħamis ix-Xirka u il-purċissjoni ta' tfal b' parti mis-set tal-vari li huma ġa lesti.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u approvaw unanimament.

36.5.08 Is-Sinjura Romina Galea tkellmet dwar il-planters go Wesgħet il-Kunsill Lokali u staqsiet jekk hux possibbli li jsiru numru ta'pjanti ġodda biex jidher aħjar u mimli.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu unanimament.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota.

**36.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

Ma kienx hemm rapporti

**36.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

36.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-36 ta' ħlasijiet bejn 19 ta'Jannar sa 22 ta'Frar 2022.
L-iskeda ġiet proposta mis-Sur Emanuel Brincat u ssekondat mis-Sur Alfred Farrugia.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l-iskeda.

**36.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

36.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:20 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 29 ta'Marzu 2022 fil-5:30 p.m.

Minuti konfermati, illum 29 ta' Marzu 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Margaret Baldacchino Cefai<br>Sindku | Alan Vella<br>Segretarju Eżekuttiv |